MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1507/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**Steve Schembri u martu**
**Kathryn Nicole Schembri Niesz**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu *in solidum* lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm482.70) rappresentanti in kwantu ghal Lm466.47 bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 13376130019 u kwantu ghas-somma ta' Lm16.23 bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000170730 u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2004.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju 2004 kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm482.70), bl-imghaxijiet legali ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju 2004.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------